MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Numru 415/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Alfred Mallia**
**vs**
**Gloria Anna Jovanoski**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Gloria Anna Jovanoski ta' 41 sena mart Goran u bint Vincent Camilleri u Esther nee' Galea mwielda Attard fit-18 ta' Settembru 1967 u residenti 39 Triq Mrabat Sliema, ID 461167M.**

**Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Lulju 2008 ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet , obbligi jew helsien minn**

**obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzata sabiex tikseb xi vantaggi jew beneficcju ghalih nnifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz, bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputata ghaz-zewg imputazzjonijiet u ghal daqstant dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17H, 183 u 188 tal-Kap 9 ssib lill-imputata hatja taz-zewg imputazzjonijiet, b'dan pero li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda ai termini ta' l-Artikolu 17H tal-Kap 9. Meta qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti flok qed tikkundanna lill-imputata qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmel ebda reat iehor fi zmien sentejn millum.**

**Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-kap 446 lill-imputata fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------